Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 28 ta' Settembru 2016 2016 fl- 5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.21 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson ssekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Dwar il-laqgha li ghandha ssir mar-residenti tal-Madliena dwar l-installazzjoni ma' CCTV Cameras, il-Kumitat idecieda li tinbidel id-data ghat-3 ta' Novembru 2016 fis-7.00pm. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandha tintbaghat cirkulari lir-residenti tal-Madliena. Minbarra l-Agenda ndikata hawn taht, ghandha tigi diskussa wkoll ir-rotta tat-transport pubbliku.

   - Neighbour hood watch / CCTV Cameras
   - Speed Cameras
   - Triq il-Majjistral
   - Sistema tal-one way fi Triq il-Veduta
   - Madliena Opportunity Site - PA/06308/16
   - Ta' Stronka Medical Stores - http://www.pa.org.mt/file.aspx?f=13849

2. Rigward il-funtana li hemm fiz-zona tal-Madliena, giet ipprezentata kwotazzjoni li tammonta ghal €5,500 pero' tista' tigi *discounted ghal* €4,800.00 + VAT. Wara diskuzzjoni gie deciz li din il-funtana ghandha tintuza sabiex jinzirghu xi pjanti ta' l-istagun.

3. Rigward ir-rotta tat-transport pubbliku, ic-Chairperson infurmat li wehlu xi tabelli li jindikaw car ir-rotta kif suppost.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Ic-Chairperson infurmat li t-tabella li tindika MERBHA FIS-SWIEQI fi Triq is-Sebh jehtieg li tbiddel l-post peress li issa triq saret one-way u issa din giet bla ebda uzu. Ghaldasqtant il-Kumitat talab sabiex din tigi allokata x'imkien iehor.

2. Hija rrapurtat dwar il-periklu li hemm fi Triq is-Sebh kantuniera ma' Triq tal-Mekkek. Hija ssugeriet sabiex tigi installata barrier sabiex titnaqqas l-possibilta' li jigi kkawzat xi accident.

3. Hija nfurmat li t-tabelli ta'quddiem Torre Paulina fi Triq il-Madliena li jindikaw Keep Quiet li ghandhom il-bzonn jinbidlu peress li mhux qeghdin cari.

4. Ic-Chairperson infurmat li rceviet ittra minnghand Dr. Peter Fenech rigward l-istrobju eccessiv fil-Madliena, l-aktar minhabba rotti tat-transport pubbliku li qed jghaddu ta' spiss minn Triq il-Markiz J. Scicluna. Wara diksuzzjoni, gie deciz li din l-ittra ghandha tintbaghat lill-Avukat tal-Kunsill ghal kummenti tieghu. Il-Kumitat iddiskuta ukoll ir-rotta tta-trasnport pubbliku giet ifumrata biss mit-Transport Malta u mhux mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson

1. Il-Vici Chairperson staqsa dwar x' mizuri ser jitteihdu mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena dwar iz-zona ta' zvillup li qed issir fuq art pubblika kif ukoll dwar il-Medical Stores. Huwa nforma li xi residenti huma preokkupati sew dwar dan l-izvillup u x'jista' jsir fil-futur.

Mill-Membru C. Asha Caruana

1. Il-Membru staqsiet sabiex jekk hu possibli ssir laqgha mal-kuntrattur responsabli mill-manutenzjoni tal-bankini minhabba bankina perikoluza fi Triq il-Pedidalwett. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel kuntatt mal-kuntrattur.

   Il-membru talbet sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 7.00pm.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet jekk waslux l-estimi tax-xoghlijiet ta' taht il-bankini fi Triq il-Pedidalwett kif ukoll l-bicca ta' fuq Triq il-Madliena hdejn il-kumpless ta' villel. Madliena Ridge.

2. Hija rrimarkat rigward l-edizzjoni li jmiss ta' newsletter tal-Madliena fejn staqsiet sabiex kemm jista jkun malajr kull membru jissottometti l-artiklu tieghu mill-aktar fis possibli.

3. Il-Membru pprezentat il-policies li jappartjenu l-oppurtnity site tal-Madliena; hija talbet sabiex dan id-dokument jkun aness ma'dawn il-Minuti bhala App.A.

4. Hija nfurmat li hemm bzonn issir zebgha safra fuq traffic calmers fi Triq il-Pedidalwett. Madliena sabiex is-sewwieqa jindunaw iktar b'din il-calmer. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jinforma lill-handyman tal-Kunsill.

5. Hi nfurmat li giet avvicinata minn xi residenti, li xi persuna ghalqu bicca art fil-masgar tal-Madliena sabiex irabbu in-nahal. Is- Segretarju Ezekutiv ha l-inkarigu li jikteb lill-Awtorita ta' l-Ippjanar.

Mary Anne Abela

Chairperson

Hugh Zammit

Segretarju Ezekuttiv

**IV RAPPORTI MILL-MEMBRI – ikomplu**

Mill-Membru G.Leone Ganado

1. Il-Membru rrimarka li t-trsanport pubbliku miz-zona tal-Madliena mhux qed jkun regolari hekk kif indikat. Huwa ssostna li kellu rapporti ta' xi residenti li damu jistennew aktar minn siegha u li r-rotta nru.16 mhux dejjem qed isegwi kif suppost tghaddi mit-toroq tal-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jghaddi dawn il-kummenti lit-TM.

2. Il-Membru ssugerixxa sabiex jekk hu possibli tigi stabilita u attwata bye-law dwar il-hmieg ta' zwiemel. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghall-linji gwida.

3. Huwa nforma li hdejn il-funtana, hemm diveri tabelli tat-traffiku li iccarraw hafna u ghalhekk qed jaghtu dehra ta' traskuragni f'din iz-zona. Huwa ppropona sabiex jekk hu possibli dawn jinbidlu mill-aktar fis.

Din il-laqgha spiccat fit-6.15pm u sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru fil-5.00pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv